Minuti tad-9 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar
Il-Gimgha 5 ta' Frar, 2010. Il-laqgha nbdiet hin 4.50pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | Carmen Vella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-7 u 8 laqgha.

1.1 Il-Minuti tas-7 laqgha gew approvati unanimament u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv bhala dokument korrett. Manuel Muscat irrefera ghall-punt 2.7 tal-Minuti tat-8 laqgha fejn talab li ismu jkun imnizzel fejn huwa staqsa kif ix-xogholijiet fi Triq ta' Pinu bdew meta ghadhom ma tlestewx ix-xogholijiet li kellhom isiru min naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel unanimament li din tizdied mal-Minuti kif mitlub. Il-Minuti tat-8 laqgha kif korretti gew approvati unanimament.

1.2 Manuel Muscat talab li tibqa' tinghata kopja printjata tal-Minuti u l-Agenda. Gie spjegat illi din ma kinitx ghadha tinghata in konformita mad-direttiva ta' Memo 1/2010. Il-Kunsill qabel li ghandha tibqa' tinghata kopja printjata tal-Agenda u l-Minuti waqt il-laqgha tal-Kunsill.

1.3 Raymond Cassar ta' l-informazzjoni relatata ma poles li jintuzaw mill-Gozo Channel kif gej: SR Environmental u ta' wkoll in-numru u l-isem tal-persuna ta' kuntatt.

## 2. Approvazzjoni ta' hlasijiet.

2.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

2.2 Wasal ghal-laqgha Max Zammit bhala wiehed mill-organizzaturi tal-'party' privat tal-Karnival li kellu jinzamm gewwa il-Wilderness Complex fl-istess gurnata tal-laqgha filghaxija. Huwa talab jekk il-Kunsill jistax jidhol bhala partner fl-

attivita'. Is-Sur Zammit intalab jaghti dettalji dwar l-organizzazzjoni tal-attivita' u wara intalab ihalli ftit il-kamra sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti u jiddeciedi x'pozizzjoni ser jiehu dwar din it-talba. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel illi ghalkemm is-sit fejn ser isir il-party ma jaqax taht il-konfini tal-Gharb pero il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni illi jigi organizzat dan il-party sakemm jinkisbu il-permessi kollha mehtiega bil-ligi u jigu osservati regolamenti ta' sahha u sigurta. Il-Kunsill esprima wkoll illi huwa m'ghandux x'jaqsam u mhuwiex responsabbli ta' dan l-avveniment. L-ittra ta' no objection saret, inqrat u inghatat lis-Sur Zammit dak il-hin stess.

2.3 Raymond Cassar gibed l-attenzjoni dwar xi wires tal-Go li jinsabu fi Triq Mongur kantuniera fi Triq Birbuba li m'ghandhomx jintuzaw. Il-Kunsill qabel li ghandha issir talba sabiex dawn jitnehhew.

2.4 Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tal-Karnival fil-lokalita' u t-traffic managment relatat. Il-Kunsill qabel li Triq Dun Alwig Mizzi ghandha tkun no parking fuq iz-zewg nahat sa hdejn ir-residenza Leyland. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jgib is-servizz ta' zewg gwardjani lokali. Inghataw dettalji dwar il-kompozizzjoni tal-programm bid-diversi kumpaniji taz-zfin li ser jiehdu sehem, kompetizzjoni tal-maskarat misterjuz u tal-kostumi tat-tfal u l-gruppi li ser jiehdu sehem fosthom il-mistiedna specjali li ser ikunu zewg gruppi taz-zfin minn Malta. Gie spjegat illi l-Kunsill ser jinghata ghajnuna mill-Ministeru ghal Ghawdex permezz ta' ufficjali tal-kultura li ser iservu ukoll ta' judges. Il-programm ser ikun ipprezentat mill-Kav. Joe. M. Attard. Il-programm ser jiswa madwar €2300. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.5 Is-Sindku ippropona illi ghandu jsir avviz fil-lokalita' sabiex il-pubbliku inehhi oggetti depozitati f'art pubblika. Manuel Muscat qal illi l-open-skips ghandhom jitnehhew ukoll peress li dawn ukoll jaghtu dehra kerha. Is-Sindku spjega illi d-depozitu ta' open-skip f'xi triq jinhieg permess mill-Kunsill u talab lill-Kunsillieri jivverifikaw mas-Segretarju Ezekuttiv jekk jinnutaw xi open-skips. Il-Kunsill qabel unanimament illi r-residenti ghandhom jinghataw gimgha zmien sabiex inehhu l-oggetti mitluqa f'art pubblika. Il-Kunsill qabel ukoll illi ghandu jinkariga gwardjan lokali sabiex ipoggi avviz fuq l-oggetti li jibqghu ma jitnehhewx u jekk dawn ma jitnehhewx sad-data stipulata ghandu jsir arrangament permezz tal-haddiema tal-Kunsill u s-sezzjoni tal-Bulky Refuse ghall-gbir ta' dawn l-oggetti.

2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Kunsill qed jircievi kuljum minghajr hlas il-gazzetta Independent. Huwa ippropona illi din ghandha tkun disponibbli ghall-pubbliku minn gol-librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament u ghalhekk ghandu johrog l-avviz relatat.

2.7 Skeda ta' pagamenti Wied il-Mielah. Il-Kunsill approva unanimament il-hlas tal-kontijiet tal-progett ta' Wied il-Mielah elenkati fl-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

2.8 Manuel Muscat staqsa x'inhu 'hydrology report'. Is-Sindku ta' l-informazzjoni mitluba fejn gie spjegat ukoll illi l-persuna li hejjiet dan ir-rapport giet identifikata mill-Konsulent Tekniku tal-progett Edward Scerri. Gie spjegat ukoll illi l-hydrology report gie pprezentat lill-MEPA li qed tezaminah u l-Perit ircieva l-ewwel konsultazzjoni.

2.9 Fir-rigward ta' excavation and cleaning is-Sindku spjega illi minhabba il-fond li instab f'parti mill-Wied ix-xoghol mahsub ma setax isir kollu u ghalhekk jinhtieg li tinhareg offerta gdida biex isiru aktar xogholijiet. Is-Sindku spjega wkoll illi kien hemm savings ghaliex l-offerta li giet moghtija kienet irhas mill-ammont allokat.

2.10 Manuel Muscat staqsa dwar il-bridges. Is-Sindku spjega illi dawn ser isiru kif ippjanat originarjament bil-konkrit.

**3. Approvazzjoni ta' performance bonus lill-impjegati tal-Kunsill.**

3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-hlas ta' performance bonus lis-Segretarju Ezekuttiv u skrivana tal-Kunsill ta' 10% u 6% rispettivament.

3.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-Patt tas-Sindki. Il-Kunsill qabel unanimament li jissieheb f'dan il-patt.

**4. Estimi finanzjarji 2010.**

4.1 Inghatat kopja tal-Estimi Finanzjarji Draft ghas-sena 2010 liema estimi gew approvati.

4.2 Il-Kunsill iddiskuta il-kuntratt tal-gbir tal-iskart domestiku u gie deciz li l-Kunsill ghandu jipprocedi bil-hrug tal-offerta l-gdida skond struzzjonijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali. Ghalhekk ghandha ssir laqgha mal-Kunsilli ta' San Lawrenz u Ghasri peress li l-offerta ser tohrog bejn it-3 Kunsilli flimkien.

4.3 Il-Kunsill iddiskuta il-bins on wheels fi Triq San Pietru. Is-Sindku spjega illi l-kuntrattur innotifika lill-Kunsill illi dawn mhux ser jitbattlu aktar b'effett minn Frar pero huwa talbu sabiex jaghti ftit iehor zmien. Is-Sindku spjega illi dawn iridu jitnehhew u ippropona illi dawn ghandhom jitnehhew u minflokhom issir tabella u jsir ukoll avviz fl-avvizi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.4 Is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar id-devoluzzjoni tal-latrini pubblici ta' Pinu u dwar il-progett ta' tourist information shop. Gie spjegat illi l-Kunsill ghandu il-permess tal-MEPA ghal dan il-progett pero fil-prezent jinsab wieqaf minhabba il-progett tal-Knisja ta' Pinu li jinkludi l-irrangar ta' parking area u interpretation centre fejn qed jitolbu bdil ta' art lill-Lands Department li jinvolvi s-siti devoluti lill-Kunsill.

4.5 Raymond Cassar qal illi huwa innota xi materjal mitfugh fl-eghlieqi fi Triq ta' Pinu.

4.6 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-librerija fejn is-Sindku ippropona illi l-Kunsill jidhol fi ftehim ma kumpanija privata ghaz-zamma u l-manutenzjoni tal-kotba tal-librerija sabiex ikun hemm dejjem kotba godda u aggornati. Is-Sindku spjega illi trid issir komunikazzjoni mad-Dipartiment tal-Libreriji peress li l-kotba ezistenti fil-librerija huma imnizzli fl-inventarju taghhom. Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk ikun hemm approvazzjoni min naha tal-libreriji ghandu johrog avviz ta' sejha ta' interess f'dan ir-rigward.

4.7 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-progett tac-Centru Civiku. Is-Sindku spjega illi jirrizulta illi l-Maltapost hija sid tal-art li qed tokkupa pero m'ghandhiex titlu fuq l-arja. Minhabba f'dan ghandu jkun hemm xi tibdil fil-pjanti tac-centru civiku minn kif approvati fejn l-entratura tal-Kunsill li qabel kienet ippjanata li ser tkun minn faccata tal-berga issa trid titharrek u sabiex jakkwista iktar spazju il-Kunsill ghandu jikkunsidra illi z-zona fejn fil-prezent hemm is-sala entratura tal-Kunsill ghandha tkun b'zewg sulari. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-ispizerija inkluza fil-pjanti tac-centru civiku u l-fatt li fil-lokalita' qed tinbena spizerija ohra. Il-Kunsill qabel li ghalkemm ma jinhtiegx li fil-lokalita' jkun hemm 2 spizeriji pero din ghandha tithalla fil-pjanta xorta wahda. Il-Kunsill qabel li l-Perit ghandu jara jekk il-MEPA tippermettix li jittellghu xi 2 jew 3 filati u jekk le issir skavazzjoni biex jitbaxxa il-livell tal-art tas-sala. Is-Sindku ippropona illi l-istruttura tkun tista' tinbena bil-gypsum jew inkella bil-light bricks. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha ssir revizjoni tal-pjanti u applikazzjoni lill-MEPA kif ukoll stima gdida tal-progett kif emendat. Lisa Brooke issuggeriet li l-ispizerija tkun toffri hinijiet u servizzi estizi. Is-Sindku spjega illi dan huwa il-pjan u li kienu ga nbdew diskussjonijiet mal-bord tat-tobba f'dan ir-rigward u l-Kunsill ser ikun miexi mal-linji tal-Gvern li jaghmel mill-klinika centru tas-sahha primarja.

4.8 Il-Kunsill iddiskuta l-fatt ili l-entratura tal-iskola mhijiex accessibbli ghall-persuni b'dizabilita'. Is-Sindku spjega illi l-iskola inkarigat lill-Perit Carmelo Borg sabiex jipprepara pjanta u s-Sindku spjega dak li qed jigi propost li jsir.

4.9 Lisa Brooke talbet li tkun skuzata ghal ftit hin u harget hin 6.40pm.

**Pagna 5 Minuti tat-9 laqgha**

5.0 Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu offerti ghal dawn segwenti:

a)Provvista u installazzjoni ta' *solar water heaters*, sistemi fotovoltajci solari, sistemi ta' rekupru u riceklagg ta' ilma, *intelligent lighting and controls* ecc. Din l-offerta hija intenzjonata biex tintuza mill-Kunsill innifsu ghall-progett approvat u ko-finanzjat mill-Gvern Centrali kif ukoll biex il-Kunsill ikun jista' joffri skemi lir-residenti.

b)Dwal tat-toroq *energy saving* jew li jahdmu permezz ta' energija alternattiva

c) offerta ghall-provvista ta' materjal ta' paving

Il-Kunsill qabel li wara li tkun aggudikata din l-offerta ghandha tinhareg offerta ohra ghat-tpoggija tal-materjal tal-paving.

d) provvista ta' materjal u kiri ta' makkinarju ghal xogholijiet ta' manutenzjoni. Din l-offerta ghandha tkopri provvista ta' konkos fid-diversi gradi tieghu, hot u cold asphalt, provvista ta' trakk u JCB.

e) Post ta' rikreazzjoni fi Triq Tumas Cassar

5.1 Il-Kunsill qabel li ghandhom jingabu kwotazzjonijiet ghall-materjal tal-patching tal-boroz bhal dak uzat mill-WSC. Raymond Cassar qal li huwa ma jaqbilx mat-tiswija tal-hofor bil-cold asphalt.

5.2 Is-Sindku spjega illi huwa kellu laqgha mal-Ing. tal-WSC u huwa talbu sabiex isir xi patching fejn mehtieg matul Triq il-Knisja, peress li thallew xi hofor wara li saret it-trinka tar-rising main.

5.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill illi saret applikazzjoni taht Memo 15/2010 dwar fondi specjali ghall-progett tac-Centru Civiku kif ukoll ghall-iskema tal-residential parking u l-problema ta' zieda fl-iskart fil-weekends.

5.4 Is-Sindku spjega illi fir-rigward tat-traffic management gie Bjorn Bonello fir-rigward tal-progett pilota ghal Triq Birbuba, li ser jipprepara ir-rapport tieghu biex imbaghad jghaddi ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unaniment.

5.5 Il-Kunsill iddiskuta dwar Memo 21/2010 dwar restawr ta' postijiet storici zghar u qabel li ghandha ssir applikazzjoni li tkun tinkludi fost l-ohrajn il-progett tal-rijabilitazzjoni tal-pjazza, is-salib tal-pjazza, nicec, u l-faccata tal-Knisja.

5.6 Is-Sindku spjega illi l-Perit qed jiccekkja fir-rigward tal-pjazza jekk jinhtiegx xi permess sabiex isiru water features.

5.7 Il-Kunsill iddiskuta il-progett tal-Pjazza u Triq il-Knisja u gie deciz li t-triq ghandha ssir bil-konkos fil-gnub sabiex jigi evitat li jikber il-haxix hazin.

5.8 Gie spjegat illi l-Perit ghadu qed ihejji l-pjanta ghall-pjazza sabiex imbaghad tkun tista' issir il-laqgha mal-Kunsill.

5.9 Hin 7.00pm Lisa Brooke irritornat.

5.10 Gie deciz li ghandha ssir laqgha mal-kuntrattur li ser jaghmel ix-xogholijiet sabiex jigi miftiehem mieghu time frame ghax-xogholijiet in vista tad-diversi attivitajiet li ser ikunu qed isiru fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel illi il-paving blocks li ser jintuzaw mill-WSC u mill-Kunsill ghandhom ikunu l-istess. Gie spjegat illi l-Perit qed jahdem fuq stima sabiex ikunu jistghu jitkomplew il-bankini sa Pjazza Gerano.

**6. Seher il-Punent 2010 / Gemellagg Quadrelle.**

6.1 Il-Kunsill iddiskuta id-dati li fihom ser isir il-festival u kien hemm qbil li dan ghandu jsir mid-19 sat-22 ta' Marzu peress illi mhux possibbli li jinbidlu id-dati tal-festival. Is-Sindku spjega illi l-istima hija ta' €22,000 fejn gie spjegat ukoll il-programm propost. Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar id-delegazzjoni minn Quadrelle li ser tkun prezenti waqt il-jiem tal-festival fejn ser jigi iffirmat ukoll il-gemellagg ma din il-lokalita'. Il-Kunsill approva ir-rapport tal-gemellagg sabiex jintbaghat ghall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

6.2 Il-Kunsill qabel illi din is-sena ghandu jkun hemm palk wiehed biss. Gie deciz li l-Gimgha 19 ta' Marzu ghandha tinzamm l-ikla tradizzjonali imtellgha mill-ghaqdiet lokali. Is-Sindku ippropona illi fis-serata tas-Sibt ghandu jkun hemm attivita' tilwima talenti fejn persuni li ghandhom xi talent jigu mistiedna jippartecipaw f'kompetizzjoni fejn jesebixxu it-talenti taghhom kif ukoll il-loghba tat-tug of war. Din is-serata ser tkun qed tigi pprezentata minn Claudette Pace li ser tkun qed tghin ukoll fil-koordinazzjoni ta' tilwima talenti. L-attrazzjoni principali tas-Sibt ser tkun il-band popolari Maltija Airport Impressions. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.3 Il-Kunsill iddiskuta wkoll dwar l-attivita' tal-Hadd filoghdu fejn gie deciz illi din ghandha tkun ikkaratterizzata minn marc mill-banda Vizitazzjoni, l-attivita' relatata mal-produzzjoni tal-ikbar gbejna, zfin u daqq tradizzjonali, suq tal-frott, show tal-muturi. Il-Kunsill qabel li joffri lill-partecipanti tal-muturi snack u tifkira tal-attivita' f'forma ta' ritratt.

6.4 Dwar il-Hadd wara nofsinhar il-Kunsill qabel li jistieden skejjel taz-zfin minn Malta kif ukoll filghaxija serata fuq il-palk prezenata minn J.Anvil u Claudette

Pace li flimkien ghandhom jikkoordinaw dan il-programm. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jkun hemm xi loghob tan-nar tac-China.

6.5 Lisa Brooke issuggeriet illi ghandu jsir link mal-emigranti. Is-Sindku spjega illi dan jista' jsir permezz tal-webcam tal-Pjazza li tkun qed titrazmetti live. Il-Kunsill iddiskuta li t-trazmissjoni kurrenti hija 25 fejn gie deciz li din ghandha tkun imtejjba.

6.6 Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta gdida ghall-website.

6.7 Il-Kunsill qabel illi features ohra li ghandu jkun hemm f'Seher il-Punent huma zona tal-astronomija, wirja tal-galleriji kif ukoll possibilment wirja ta' ghasafar u hut. Manuel Muscat ser jikkuntattja lill-organizzazzjoni li tiehu hsieb l-ghasafar u l-hut.

6.8 Gie deciz li ghandha tinhareg offerta ghall dawk interessati li joffru servizzi ta' ikel u xorb waqt Seher il-Punent.

6.9 Gie deciz ukoll li ghandha tintbaghat ittra lil sponsors prospettivi. Lisa Brooke giet inkarigata tavza min jistghu ikunu sponsors prospettivi.

6.10 Gie deciz li ghandha ssir laqgha tas-sottokumitat ta' Seher il-Punent.

6.11 Manuel Muscat gibed l-attenzjoni dwar road humps fi Triq Mongur li jekk dawn mhux ser jitnehhew malajr ghandhom jinzebhu biex jitnehha il-periklu. Is-Segretarju Ezekuttiv gibdet l-attenzjoni li sabiex jitnehhew l-ahjar li wiehed jistenna li tintrebah l-offerta li ser tohrog ghall-provvista' ta' materjal / kiri ta' makkinarju. Saret diskussjoni dwar l-ewwel road hump fi Triq Mongur jekk din ghandhiex titnehha jew le fejn gie spjegat illi kien hemm ilmenti mill-bus owners dwar din il-hump.

6.12 Il-Kunsill qabel illi l-haddiema tal-ETC ghandhom jigu inkarigati jaghmlu maintenance tal-bandla billi joborxuha u jaghtu il-vernic mill-gdid. Fir-rigward tal-partijiet li jridu jigu jinzebghu b'zebgha gloss il-Kunsill qabel illi dan ix-xoghol ghandu jsir mill-isprayer Jason Caruana.

6.13 Il-Kunsill qabel ukoll illi id-dawl tal-Milied ghandu jinghata lil dawn il-haddiema biex issirlu il-manutenzjoni mehtiega.

6.14 Is-Sindku spjega illi huwa kellu xi kuntatti dwar possibilita' ta' installazzjoni ta' turbina tar-rih fic-centru tas-snajja ta' Dbiegi. Din tkun tista' ssir minn fondi taht skemi tal-Malta Enterprise.

6.15 Il-Kunsill qabel unanimament illi ghandu jinhareg avviz fil-lokalita' ghal dawk il-persuni interessati li jinkludu in-negozju taghhom fid-direttorju tan-negozji li bi hsiebu jippublika il-Kunsill.

Il-laqgha spiccat hin 8.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv